Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 1/2020**
Il-Lussemburgu, 13 ta’ Jannar 2020

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

# Impenn solenni tal-President u tal-Membri tal-Kummissjoni Ewropea quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Matul udjenza solenni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li nżammet illum fit-15:00, il-President u l-Membri tal-Kummissjoni Ewropea ħadu l-impenn solenni previst fit-Trattati, fil-preżenza tal-Altezzi Rjali tiegħhu, il-Gran Duka, tal-President tal-Kamra tad-Deputati tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, Fernand Etgen u tal-Prim Ministru tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, Xavier Bettel. Qabel ma l-President u l-Membri tal-Kummissjoni ħadu dan l-impenn solenni, Koen Lenaerts, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, għamel id-diskors li jinsab fl-anness.

L-impenn solenni ttieħed minn Ursula von der Leyen, President, Frans Timmermans, Viċi President Eżekuttiv, Margrethe Vestager, Viċi President Eżekuttiv, Valdis Dombrovskis, Viċi President Eżekuttiv, Josep Borrell Fontelles, Rappreżentant Għoli/Viċi President, Věra Jourová, Viċi President, Dubravka Šuica, Viċi President, Margaritis Schinas, Viċi President, Johannes Hahn, Mariya Gabriel, Nicolas Schmit, Paolo Gentiloni, Janusz Wojciechowski, Thierry Breton, Elisa Ferreira, Stella Kyriakides, Didier Reynders, Helena Dalli, Ylva Johansson, Janez Lenarčič, Adina Vălean, Olivér Várhelyi, Jutta Urpilainen, Kadri Simson, u Virginijus Sinkevičius.

Minkejja li t-Trattati ma jipprevedux il-modalitajiet speċifiċi għat-teħid tal-impenn solenni, il-Kummissjoni dejjem tat importanza kbira għall-fatt li l-impenn jittieħed quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Filwaqt li ġġedded id-dedikazzjoni tagħha għal din it-tradizzjoni, il-Kummissjoni l-ġdida resqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ftit ġimgħat biss wara l-bidu tal-attività tagħha.

L-impenn solenni meħud mill-President u mill-Membri tal-Kummissjoni Ewropea huwa s-segwenti:

*“Maħtur(a) Membru tal-Kummissjoni Ewropea mill-Kunsill Ewropew, wara l-vot ta’ approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, jiena nimpenja ruħi solennement:*

*li nosserva t-Trattati u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħi kollha;*

*li neżerċita r-responsabbiltajiet tiegħi b’indipendenza totali, fl-interess ġenerali tal-Unjoni;*

*li fit-twettiq tal-kompiti tiegħi la nfittex u lanqas nieħu struzzjonijiet minn xi gvern, istituzzjoni, korp jew organu;*

*li ma nwettaq ebda att li huwa inkompatibbli man-natura tal-funzjonijiet tiegħi jew mat-twettiq tal-kompiti tiegħi.*

*Jiena nagħraf l-obbligu stabbilit mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li bis-saħħa tiegħu kull Stat Membru għandu josserva din in-natura u għandu jastjeni milli jfittex li jinfluwenza lill-Membri tal-Kummissjoni fit-twettiq tal-kompiti tagħhom.*

*Jiena nimpenja ruħi wkoll li, matul il-perijodu tal-kariga tiegħi u wara li tintemm, nosserva l-obbligi marbuta mal-pożizzjoni tiegħi, b'mod partikolari d-dmir li naġixxi b'integrità u diskrezzjoni f'dak li jirrigwarda l-aċċettazzjoni ta' ċerti inkarigi jew ta' ċerti benefiċċji wara t-tmiem ta' din il-kariga."*

---


*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*



*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*


*Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*

**Anness**

## Diskors tal-President Lenaerts

*"It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi, fl-Artikolu 245 tiegħu, li l-Membri tal-Kummissjoni għandhom jieħdu, meta jidħlu fil-kariga tagħhom, impenn solenni li josservaw, kemm waqt il-kariga tagħhom kif ukoll wara li tintemm, l-obbligi li joħorġu mill-pożizzjoni tagħhom.*

*Minkejja li ma hija prevista ebda modalità speċifika f'dan ir-rigward, hija użanza stabbilita li dan l-impenn solenni jittieħed quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Din l-użanza għandha tifsira simbolika doppja u tirrifletti r-rabta mal-osservanza tad-dritt li tikkaratterizza l-Unjoni Ewropea u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet tagħha, fosthom il-Kummissjoni. Din l-użanza tenfasizza wkoll l-importanza tal-kompiti li l-Kummissjoni hija mistennija twettaq konformement mat-Trattati.*

*Il-kulleġġ il-ġdid ta' Kummissarji, li fi ftit mumenti oħra l-Qorti tal-Ġustizzja ser tirċievi l-impenn solenni tagħhom, jirrifletti bilanċ sabiħ: 12-il mara u 15-il raġel; ġabra ta' Kummissarji li diġà okkupaw din il-kariga u talenti ġodda; diversi ex Prim Ministri jew Ministri, ex membri tal-Parlament Ewropew u ex membri ta' parlamenti nazzjonali, personalitajiet magħrufa mid-dinja ekonomika u finanzjarja, kif ukoll ex rappreżentanti permanenti mal-Unjoni Ewropea.*

*Dan għalhekk huwa grupp li għandu l-kompetenzi neċessarji kollha sabiex jaffaċċa b'mod effettiv l-isfidi li għandha quddiemha attwalment l-Unjoni Ewropea, li minnhom xtaqt insemmi dawk prinċipali f'din l-okkażjoni.*

*L-ewwel nett, ir-riżultat tar-referendum tat-23 ta' Ġunju 2016 dwar is-sħubija tar-Renju Unit mal-Unjoni Ewropea xeħet lil din tal-aħħar f'sitwazzjoni li, għalkemm hija r-riżultat ta' għażla demokratika, hija l-kawża ta' dieqa għalina bħala Ewropej u li ma għandha l-ebda preċedent fl-istorja tal-proġett Ewropew. Jekk, skont l-indikazzjonijiet attwali, il-Brexit ser iseħħ fil-31 ta' Jannar li ġej, il-Kummissjoni ser ikollha, mingħajr ebda dubju, rwol ta' importanza prinċipali sabiex tiżgura l-ħruġ mingħajr problemi tar-Renju Unit, filwaqt li tiġġestixxi b'mod partikolari l-perijodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim ta' ħruġ, kif ukoll sabiex tinnegozja n-natura u l-kontenut tar-relazzjonijiet futuri bejn l-Unjoni u r-Renju Unit.*

*It-tieni nett, qegħdin jiżdiedu fuq il-livelli kollha – lokali, nazzjonali, Ewropew, dinji – l-inizjattivi sabiex tinħoloq iktar kuxjenza dwar il-fenomenu ta' tibdil fil-klima u dwar l-impatt dejjem iktar perċettibbli u inkwetanti tiegħu, b'mod partikolari, fuq l-ekosistemi u l-bijodiversità u wkoll, ċertament, fuq is-saħħa tagħna. Dan il-moviment globali ta' ħolqien ta' kuxjenza jmur id f'id mar-riċerka ta' mudell ta' soċjetà u ta' żvilupp iktar "dejjiemi", iktar "sostenibbli", fuq livell ambjentali u enerġetiku.*

*F'dan id-dawl, ma nistax ma nesprimix is-sodisfazzjon tiegħi dwar il-ħeffa li biha l-Kummissjoni l-ġdida xtaqet tikkonkretizza waħda mill-prijoritajiet tagħha – jekk mhux ukoll "il-"prijorità – tal-programm ta' azzjoni tagħha. Qiegħed nirreferi għall-preżentazzjoni, fil-11 ta' Diċembru li għadda – jiġifieri ftit jiem wara d-dħul fil-karita tal-kulleġġ il-ġdid tal-Kummissarji – tal-"Patt Ekoloġiku Ewropew" ("European Green Deal"), patt ambizzjuż li l-għan tiegħu huwa li l-Unjoni Ewropea tkun newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050.*

*Sfida kbira oħra hija l-ġestjoni tal-kriżi ta' migrazzjoni li diġà ilha taffettwa l-kontinent tagħna għal dawn l-aħħar għaxar snin. Din il-kriżi hija fost il-preokkupazzonijiet il-kbar taċ-ċittadini Ewropej u tikkontribwixxi għall-voti ta' protesta u għal reazzjonijiet ta' telf ta' identità f'numru kunsiderevoli ta' Stati Membri. Din il-kriżi hija suġġett li jifred u hija wkoll sors ta' tensjonijiet, xi drabi jaħarqu, bejn l-Istati Membri. Sfida kbira għall-istanzi politiċi ser tkun dik li jtaffu dawn it-tensjonijiet billi jiġu proposti miżuri li, kif jeżiġi t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fl-Artikolu 67(2), ikunu "ibbażat[i] fuq is-solidarjetà bejn l-Istati Membri" u li jkunu "ġust[i] lejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi".*

*Iktar reċentement, f'diversi Stati Membri tnissel tħassib dwar l-osservanza tal-Istat tad-dritt u tad-demokrazija, kif ukoll dwar ir-rispett tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali. Dan it-tħassib wassal għal diversi kawżi, b'mod partikolari kawżi għal deċiżjoni preliminari, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Dan il-pedament komuni ta' valuri, li, kif ktibt tajjeb ferm fil-programm ta' azzjoni tiegħek, Sinjura President, jikkostitwixxi "l-karatteristika tal-Ewropa", ma jista' jkun suġġett għal ebda kompromess u għal ebda konċessjoni.*

*Il-kriżi ta' migrazzjoni u l-kawżi marbuta mal-Istat tad-dritt huma fost il-kawżi prinċipali ta' xettiċiżmu fil-konfront tal-Ewropa li qegħdin naraw bħalissa. Fis-snin li ġejjin, l-isfida għall-Kummissjoni kif ukoll għall-istituzzjonijiet Ewropej kollha ser tkun li jenfasizzaw dejjem iktar, fil-komunikazzjoni tagħhom maċ-ċittadini, il-valur miżjud tal-Unjoni Ewropea, u dan billi jużaw lingwa sempliċi u diretta. Dan il-valur miżjud tant huwa impressjonanti li għandu jkun kapaċi jirreżisti kwalunkwe forma ta' fake news jew ta' sfruttament b'intenzjoni ħażina.*

*Fundamentalment, il-proġett Ewropew ittrasforma kontinent li kien ilu diversi sekli mifni bi gwerer f'refuġju ta' paċi u ta' prosperità, fejn id-drittijiet u l-libertajiet individwali kif ukoll il-valuri tad-demokrazija ma humiex sempliċi kunċetti vojta mingħajr portata prattika. Dan il-proġett għolla b'mod spettakolari l-livell tal-għajxien taċ-ċittadini f'kull Stat Membru, kemm fl-Istati Membri fundaturi u kemm fl-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea iktar reċentement.*

*Barra minn hekk, Unjoni Ewropea li tixtieq tiġi pperċepita bħala ġusta għandha tiġġieled il-każijiet ta' frodi fiskali jew soċjali. Każijiet bħal dawn fil-fatt jikkontribwixxu sabiex jaħbu l-benefiċċji – li ma jistgħux jiġu miċħuda – li jirrappreżenta s-suq kbir Ewropew kemm għaċ-ċittadini u kemm għall-impriżi. Il-mudell ekonomiku tal-Ewropa, li huwa r-riżultat ta' għexieren ta' snin ta' integrazzjoni u ta' approssimazzjoni tad-drittijiet nazzjonali, jista' jwassal għal adeżjoni biss jekk jiġbor fi ħdanu l-għanijiet ta' prosperità, ta' ekwità fiskali u ta' ġustizzja soċjali.*

*Sfida oħra għall-Ewropa hija t-tranżizzjoni diġitali tas-soċjetà. L-isfidi mqajma mit-teknoloġiji tal-informazzjoni jagħtu lok għal numru kbir ta' kwistjonijiet delikati, b'mod partikolari f'termini ta' protezzjoni tal-ħajja privata u ta' data personali, ta' garanzija ta' sigurtà u ta' etika.*

*Fl-aħħar nett, l-Ewropa ma hijiex kontinent iżolat iżda tiżviluppa relazzjonijiet bilaterali u multilaterali mal-bqija tad-dinja. Huwa biss permezz ta' djalogu kostruttiv mal-imsieħba tagħna li jistgħu jiġu affaċċati b'suċċess mhux biss l-isfidi marbuta mal-prosperità tal-kontinent tagħna fuq perijodu medju u twil iżda wkoll l-isfidi marbuta mal-paċi u mas-sigurtà internazzjonali u mal-iżvilupp sostenibbli.*

*Ippermettuli nfakkar hawnhekk l-importanza tal-funzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u għall-Politika ta' Sigurtà, li huwa wkoll il-Viċi President tal-Kummissjoni. Din il-funzjoni, li ġiet introdotta bit-Trattat ta' Lisbona, ikkonsolidat u saħħet il-funzjoni li ssostitwixxiet, jiġifieri l-funzjoni tar-Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni, billi wessgħet il-kompetenzi tiegħu għall-oqsma kollha ta' kompetenza esterna tal-Unjoni.*

*Peress li l-problemi fil-qasam tas-sigurtà, tal-ekonomija, tal-migrazzjoni u anki tal-klima huma ħafna drabi marbuta mill-qrib ma' xulxin, il-perizja u l-"perspettiva ġenerali" tar-Rappreżentant Għoli huma kruċjali sabiex tiġi żgurata l-koerenza tal-azzjoni esterna tal-Unjoni. Barra minn hekk, billi jippermetti lill-Unjoni Ewropea titkellem b'vuċi waħda fuq ix-xena internazzjonali, ir-Rappreżentant Għoli jikkontribwixxi sabiex l-Unjoni Ewropea tkun attur importanti fil-promozzjoni tal-paċi u tas-sigurtà mad-dinja kollha, b'mod partikolari bil-għan li tinstab soluzzjoni għal kunflitti internazzjonali.*

*Dawn is-suġġetti kumplessi u sensittivi, li magħhom nistgħu nżidu l-ġlieda kontra l-inugwaljanza f'kull aspett kif ukoll it-tkomplija mingħajr waqfien tal-azzjonijiet kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u r-reġimi responsabbli għal reati kontra l-umanità u għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem, huma kollha suġġetti li l-Kummissjoni Ewropea ser ikollha taffaċċa u li jeħtieġu reazzjonijiet adegwati li jirriflettu l-għanijiet tal-proġett Ewropew u li jħarsu l-valuri fundamentali li fuqhom huwa bbażat dan il-proġett.*

*Dawn ir-reazzjonijiet – u hawnhekk nenfasizza b'mod partikolari dawk intiżi għall-ħarsien tal-Istat tad-dritt kif ukoll għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali – jaqgħu taħt responsabbiltà kondiviża bejn kulħadd, Stati Membri u istituzzjonijiet tal-Unjoni.*

*F'dan il-kuntest, bħala l-"gwardjana tat-Trattati", il-Kummissjoni għandha rwol prinċipali, li jippermettilha titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata n-nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu jew timponi sanzjonijiet fil-każ li sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx ġiet osservata. L-inizjattivi meħuda mill-Kummissjoni, kemm jekk ta' natura leġiżlattiva u kemm jekk ta' natura ġudizzjarja, għandhom impatt dirett fuq l-attivitajiet tal-qrati tal-Unjoni billi jwessgħu l-kamp ratione materiae tad-diversi tipi ta' kawżi li jistgħu jitressqu quddiemhom.*

*Dan juri l-interazzjoni mill-qrib bejn il-missjonijiet li għandhom, rispettivament, il-Kummissjoni u l-istanzi ġudizzjarji tal-Unjoni. Bħala istituzzjoni politika, il-Kummissjoni tippromwovi f'kull ċirkustanza l-interess ġenerali tal-Unjoni u l-applikazzjoni tad-dritt, primarju jew sekondarju, tagħha. Bħala istituzzjoni ġudizzjarja, il-Qorti tal-Ġustizzja tiggarantixxi ġustizzja oġġettiva, indipendenti u imparzjali fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. It-tnejn li huma jikkontribwixxu sabiex jintlaħqu l-istess għanijiet, jiġifieri l-implimentazzjoni armonjuża tad-diversi politiki tal-Unjoni kif ukoll il-konsolidazzjoni tal-acquis tal-proġett Ewropew u tal-valuri fundaturi tiegħu.*

*Sinjura President, Sinjuri Membri tal-Kummissjoni,*

*Il-kwalitajiet personali tagħkom kif ukoll l-esperjenza professjonali tagħkom u r-responsabbiltajiet ta' livell għoli li kontu meħtieġa teżerċitaw matul il-karrieri preċedenti tagħkom jagħtuni l-fiduċja li ser tkunu kollha kapaċi taffrontaw l-isfidi kbar li jistennewkhom u li ser teżerċitaw b'suċċess ir-responsabbiltajiet il-ġodda tagħkom.*

*F'isem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Membri tagħha, nawguralkom minn qalbi u sinċerament nixtiqielkom li l-isforzi tagħkom sabiex tagħtu enerġija ġdida lill-Ewropa u sabiex turu l-valur miżjud imprezzabbli li l-Ewropa tirrappreżenta għaċ-ċittadini u għall-impriżi tal-kontinent tagħna, ikollhom suċċess."*